# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, 22 ta' Marzu, 2001.

Kawza Nru. 12.
Citazz. Nru. 195/01 JRM

**HSBC Home Loans (MALTA) LIMITED**

**vs**

**Philip u Mary Grace konjugi BORG**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi b'att pubbliku fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Lia datat 29 ta' Mejju, 1988, is-socjeta' attrici (gja Lohombus Bank Limited) kkoncediet facilitajiet finanzjarji sabiex il-konvenuti jixtru l-fond

urban bl-isem ta' Villino Mater Mariae Gratiae, Oscar Zammit Street, Msida bil-kondizzjonijiet hemm indikati u ohrajn miftehma bejn il-partijiet (Dok JDM1);

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici huwa munit bi privilegg specjali, ipoteka generali u ohra specjali fuq il-fond indikat liema kreditu kien jammonta ghal tnejn u erbghin elf tlett mija u sitt liri maltin u hames centezmi (Lm42,306.05) sat-18 ta' Jannar 2001 (Dok JDM2);

Illi l-konvenuti jinsabu moruzi fil-pagamenti;

Illi l-konvenut taw x'jifhmu lis-socjeta' attrici illi kienu ser jiddemolixxu l-istess fond u b'hekk il-valur tas-sigurta' titnaqqas apparti illi l-istess sigurta' ipotekarja tas-socjeta' attrici tigi mhedda serjament f'kaz illi jitqabbad kuntrattur biex jibni mill-gdid u b'hekk jigi krejat debitu privileggjat iehor, kif ukoll illi dan l-agir jikser l-ftehim pattwit bejn il-kontendenti specifikament il-kundizzjoni 6B tal-General Conditions & Regulating Loans mill-konvenuti accettat;

Illi s-socjeta' attrici gja talbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti sabiex dawn jigu inibiti milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu "inter vivos" sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, jeffettwaw jew jawtorizzaw li jsiru alterazzjonijiet strutturali, iwaqqghu jew jawtorizzaw it-twaqqiegh u milli jissellfu flus biex jiffinanzjaw alterazzjonijiet strutturali jew it-twaqqiegh tal-istess fond;

Illi jekk il-konvenuti jithallew jaghmlu dak minnhom allegat, id-drittijiet tas-socjeta' attrici jigu pregudikati b'mod irrimedjabbli;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tinibixxi lill-konvenuti milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu "inter vivos" sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, jeffettwaw jew jawtorizzaw li jsiru alterazzjonijiet strutturali, iwaqqghu jew jawtorizzaw it-

twaqqiegh u milli jissellfu flus biex jiffinanzjaw alterazzjonijiet strutturali jew it-twaqqiegh tal-istess fond urban ossia d-dar bil-garage anness u kontigwu maghha bla numri u bl-isem ta' Villino Maria Mater Gratiae, fi Triq Oscar Zammit, gja maghrufa bhala Quarries Street, Msida, liema dar ghandha l-arja taghha u "front garden" u jmissu peress kontigwi mil-lvant mat-triq fuq indikata, u mit-tramuntana u nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' John u Mary konjugi Cauchi, akkwistat mill-istess Philip u Mary Grace konjugi Borg b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Lia datat 29 ta' Mejju, 1998 u dana sakemm il-kreditu tas-socjeta' attrici jigi sodisfatt in toto;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat fid-29 ta' Jannar 2001, kontra l-konvenuti, millum ingunti ghas-subizzjoni, u salv kull azzjoni spettanti kontra taghhom;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tinibixxi lill-konvenuti milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu "inter vivos" sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, jeffettwaw jew jawtorizzaw li jsiru alterazzjonijiet strutturali, iwaqqghu jew jawtorizzaw it-twaqqiegh u milli jissellfu flus biex jiffinanzjaw alterazzjonijiet strutturali jew it-twaqqiegh tal-istess fond urban ossia d-dar bil-garage anness u kontigwu maghha bla numri u bl-isem ta' Villino Maria Mater Gratiae, fi Triq Oscar Zammit, gja maghrufa bhala Quarries Street, Msida, liema dar ghandha l-arja taghha u "front garden" u jmissu peress kontigwi mil-lvant mat-triq fuq indikata, u mit-tramuntana u nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' John u Mary konjugi Cauchi, akkwistat mill-istess Philip u Mary Grace konjugi Borg b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph

Lia datat 29 ta' Mejju, 1998 , u dana sakemm il-kreditu tas-socjeta' attrici jigi sodisfatt in toto, bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' inibizzjoni prezentat fid-29 ta' Jannar 2001, kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**22 ta' Marzu, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu, 2001.**